**DH 517/2026** **Ċirkulari HR/MHA Nru 17/2026**

Diviżjoni tal-People Managament,
Ministeru għas-Saħħa u Anzjanita' Attiva,
15, Palazzo Castellania,
Triq Merkanti,
Valletta, VLT 1171

27 ta' Marzu 2026

Lil: Segretarji Permanenti
Diretturi-Ġenerali
Ċerpersins Kliniċi
Diretturi

**Promozzjoni ta' Higher Specialist Trainee għal Resident Specialist (Various Specialties) fil-Ministeru għas-Saħħa u Anzjanita' Attiva**

## 1. Prejambolu

Avviż lil dawk it-tobba li:

(i) huma fil-pussess ta' Ċertifikat ta' Taħriġ ta' Speċjalist Mediku mill-Kumitat ta' Akkreditazzjoni tal-iSpeċjalisti ta' Malta; jew

(ii) se jkunu fil-pussess ta' Ċertifikat ta' Taħriġ ta' Speċjalist Mediku mill-Kumitat ta' Akkreditazzjoni tal-iSpeċjalisti ta' Malta fi żmien tlett (3) xhur mid-data tal-ħruġ ta' din iċ-ċirkulari u minn meta nħareġ iċ-Ċertifikat ta' Speċjalist Mediku mill-Kumitat ta' Akkreditazzjoni tal-iSpeċjalisti ta' Malta;

b'hekk jiġu eliġibbli għal reġistrazzjoni bħala speċjalist mal-Kunsill Mediku ta' Malta, Higher Specialist Trainee li wettaq u lesta taħriġ ta' speċjalist f'Malta, se jkun eliġibbli li jersaq għal intervista mingħajr il-ħtieġa li joħroġ sejħa għall-applikazzjoni skont klawżola 8.2 tal-Ftehim Settorali. Jekk jgħaddi, il-Higher Specialist Trainee jipprogressa għall-grad ta' Resident Specialist b'effett mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat.

## 2. Rekwiżiti ta' Eliġibbilta`

2.1. Kandidati li jissottomettu l-interess tagħhom biex jiġu intervistati jeħtieġu li:

(i) jkunu mniżżla fir-Registru tal-Ispeċjalisti tal-ispeċjalita` rilevanti miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta; jew

(ii) jkunu approvati għall-inklużjoni fir-Registru tal-Ispeċjalisti tal-ispeċjalita` rilevanti miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta; jew

(iii) (a) jkollhom Ċertifikat ta' Tkomplija tat-Taħriġ ta' Speċjalist (*CCST*) maħruġ mill-Kumitat ta' Akkreditazzjoni tal-Ispeċjalisti ta' Malta għall-professjoni rilevanti, li turi li l-applikant lesta tali taħriġ ta' speċjalist hekk kif mitlub għall-ispeċjalita` rilevanti; jew

(b) jkollhom kwalifika ta' speċjalist ekwivalenti għal *CCST* għall-ispeċjalita` rilevanti, li hi maħruġa mill-awtorita` kompetenti fi Stat ieħor Membru tal-UE, hekk kif imniżżel f'Parti 1b tat-Tieni Skeda tal-Att tal-Professjoni tal-Kura tas-Saħħa ta' Malta; jew

(c) jkollhom kwalunkwe kwalifika oħra ta’ speċjalist dment li din trid tkun akkumpanjata bi stqarrija formali ta’ rikonoxximent mill-Kumitat ta’ Akkreditazzjoni tal- Ispeċjalisti ta’ Malta, li tgħid li l-kwalifiċi / esperjenza huma suffiċjenti għat-tabib biex jiġi rreġistrat mal-Kunsill Mediku ta’ Malta bħala speċjalist f’dik l-Ispeċjalita` partikulari.

2.2. Kandidati li jtemmu b’suċċess li huma eliġibbli taħt paragrafu 2.1 (iii) (c) hawn fuq iridu jkunu mniżżla fir-Reġistru tal-Ispeċjalisti miżmum mill-Kunsill Mediku ta’ Malta qabel il-ħatra.

2.3. Kandidati li japplikaw fit-termini ta’ paragrafu 2.1 (iii) (b) u paragrafu 2.1 (iii) (c) hawn fuq iridu jottjenu stqarrija ta’ rikonoxximent mill-Kumitat ta’ Akkreditazzjoni tal-Ispeċjalisti li jikkonferma li l-kwalifika tista’ tkun ikkunsidrata bħala ekwivalenti għaċ-Ċertifikat ta’ Tlestija tat-Taħriġ ta’ Speċjalist (*CCST*) maħruġ mill-Kumitat ta’ Akkreditazzjoni tal-Ispeċjalisti ta’ Malta.

2.4. Kandidati li japplikaw fit-termini ta’ paragrafu 2.1(iii) (b) jew paragrafu 2.1(iii) (c) u li huma meħtieġa li jippreżentaw stqarrija mill-Kumitat ta’ Akkreditazzjoni tal-Ispeċjalisti kif speċifikat hawn, għandha tinkludi kopja ta’ dik l-istqarrija mal-applikazzjoni tagħhom u d-dikjarazzjoni preżenti xorta tista’ tapplika, dment li jibgħatu kopja tal-istqarija hekk kif tkun għad-dispożizzjoni. Applikanti li jonqsu milli jippreżentaw l-istqarrija meħtieġa fi żmien il-perjodu ta’ xahar għal raġunijiet lil hinn mill-kontroll tagħhom jistgħu jitolbu għal estensjoni ta’ dan il-limitu ta’ żmien, sa xahar (1) ieħor, mill-Kap tad-Dipartimenti / Direttorati li qed jilqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b’mod ċar, ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjoni lill hinn minn dan iż-żmien iridu jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

## 3. Pubblikazzjoni tar-riżultat u proċess tal-appelli

3.1. Ir-riżultat tal-proċess tal-għażla huwa approvat mis-Segretarju Permanenti, u d-data tal-ħatra tkun b’effett mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat.

3.2. Fir-rispett tal-mekkaniżmu tal-appelli, kandidati li ma jkunux aċċettati għall-promozzjoni u li jixtiequ jissottomettu appell, għandhom jagħmlu hekk direttament lill-Kummissjoni. L-appell ikun referut mill-Kummissjoni lill-Bord tal-Appelli, u l-irwol tal-Bord tal-Appelli jkun li jagħti parir lill-Kummissjoni jekk l-appell għandhux jiġi aċċettat jew le. Id-deċiżjoni finali tittieħed mill-Kummissjoni, li tikkomunika wkoll dik id-deċiżjoni lill-appellant.

3.2 Il-persuna maħtura tista’ tiġi allokata fi kwalunkwe servizz tal-kura tas-saħħa f’Malta u f’Għawdex u tkun maħtura mal-Ministeru responsabbli għas-servizz rispettiv.

## 4. Sottomissjoni tal-Espressjoni ta’ Interess

4.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Diviżjoni tal-People Management, Ministeru għas-Saħħa u Anzjanita’ Attiva, 15, Palazzo Castellania, Triq Merkanti, Valletta VLT 1171, permezz tar-Recruitment Portal **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant). Il-GP47 għandha tintalab mill-unita’ tal-HR tal ministeru/dipartiment li jkun qed joħrog is-Sejha għall-Applikazzjoni Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija N**ofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew*)* ta’ nhar il-Ġimgħa, 26 ta’ Ġunju, 2026.** Ittra elettronika ġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fil-provedimenti ġenerali msemmija hawn isfel.

Il-proċess tal-għażla jikkunsidra applikazzjonijiet li jaslu sal-Ħin Ċentrali Ewropew ta’ dawn id-dati hawn imsemmija hawn taħt:

**Nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) tal-Ġimgħa 26 ta’ Ġunju 2026.**

4.2 L-applikanti jingħataw sa żewġ (2) ġranet ta' xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa żewġ (2) ġranet ta' xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost.

4.3 Iċ-ċertifikati oriġinali u/jew dokumenti għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt lintervista għal verifikazzjoni.

4.4 L-applikanti qed jingħataw parir li ma jistennewx sal-aħħar ġurnata biex jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom peress li ħafna traffiku tal-internet jew ħsara fil-konnessjoni tal-internet tista' twassal għal diffikultajiet fis-sottomissjoni. Id-Diviżjoni tan-Nies u Standards ma tistax tinżamm responsabbli għal kwalunkwe dewmien minħabba tali diffikultajiet.

**<u>5. Provvedimenti Ġenerali Oħra</u>**

5.1 Provvedimenti ġenerali oħra dwar din iċ-ċirkulari, b'referenza partikolari għall-:

- benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
- bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabilita`;
- sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
- pubblikazzjoni tar-riżultat;
- proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;
- aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
- żamma ta' dokumenti;

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u *Standards* fl-indirizz https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx jew jinkisbu mid-Diviżjoni tal-*People Management*, Ministeru għas-Saħħa u Anzjanita' Attiva, 15, Palazzo Castellania, Triq Merkanti, Valletta, VLT 1171. Dawn il-provvedimenti ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din iċ-cirkulari.

Is-sit elettroniku tal-Ministeru għas-Saħħa huwa https://sahha.gov.mt, u l-indirizz elettroniku tad-Diviżjoni huwa recruitment.health@gov.mt.

Dr Renzo De Gabriele
Segretarju Permanenti
Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanita Attiva

| | |
|---|---|
| Ministry / Department : | Ministry for Health and Active Aging |
| Contact Persons : | Dr R De Gabriele |
| Address : | Palazzo Castellania, 15 Merchants Street, Valletta VLT 1171 |
| Telephone : | +356 22992600 |
| Email address : | recruitment.health@gov.mt |